



---

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

---

**2021/0379(COD)**

30.11.2022

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda ċerti Direttivi fir-rigward tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew  
(COM(2021)0724 - C9-0437/2021 – 2021/0379(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Pascal Durand

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Is-setturi finanzjarji kif ukoll il-kumpaniji għaddejjin minn trasformazzjoni diġitali dejjem aktar mgħaż-ġġla. L-Unjoni Ewropea biċċebha tappoġġa dan l-iżvilupp billi tiffaċilita l-aċċess għad-data u għad-dokumenti li jsir obbligatorju permezz tal-ħolqien ta' standards tar-rapportar ġodda. Huwa essenzjali li l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà korporattiva tkun parti minn dan l-isforz ta' trasparenza sabiex mhux biss l-investituri iżda wkoll il-konsumaturi jkunu infurmati aħjar meta jieħdu deċiżjonijiet ta' investment jew ta' akkwist. Mod effettiv biex jinkiseb dan huwa li jinħoloq "Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew" jew "ESAP", li għandu jiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni finanzjarja u għall-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, u għandu jkollu l-kapaċità li jipproċessa din id-data permezz tal-magni, meta dan ikun possibbli.

Ir-rapporteur għal opinjoni tal-Kumitat JURI jipproponi li jiġu emendati r-Regolament dwar l-ESAP u d-Direttivi u r-Regolamenti Omnibus billi l-ewwel u qabel kollex issir enfasi fuq l-aspetti relatati mal-format u mat-trażmissjoni tad-data dwar is-sostenibbiltà, b'mod partikolari meta d-Direttiva dwar ir-Rapportar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà (CSRD) tintroduċi obbligi ta' rapportar ġodda.

Sabiex jiġi żgurat trattament bla xkiel tal-informazzjoni riċevuta jew ikkompilata mill-korpi tal-ġbir u magħmulu disponibbli fuq l-ESAP, ir-Regolament jistabbilixxi ċerti rekwiżiti li jispeċifikaw il-format ta' din l-informazzjoni u l-ewwel lista ta' metadata li għandha tiġi pprovdata.

Huwa importanti li xi informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, pereżempju pjanijiet tat-tranżizzjoni klimatika jew ċerta informazzjoni dwar il-governanza korporattiva, ma tkunx disponibbli biss online fir-rapporti ta' ġestjoni diġitalizzati iżda tkun aċċessibbli, permezz tal-għodda tat-tiftix tal-ESAP, bħala metadata. Bl-istess mod, il-livell ta' aċċertament tal-inkarigi b'rabta mal-awditjar tas-sostenibbiltà – limitat jew raġonevoli – huwa importanti biex tiġi ġġudikata r-robustezza tad-data pprovdata mill-kumpaniji u l-progress li jagħmlu biex jiksbu livell ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà li jkun ekwivalenti għal dak tar-rapportar finanzjarju. Din l-informazzjoni għandha għalhekk tiġi integrata fl-ġħoddha tat-tiftix permezz ta' metadata speċifika.

Biez jiġi ffaċilitati l-irkupru u l-estrazzjoni f'waqthom tad-data, se jkun meħtieġ li jitfasslu l-karatteristiċi tal-interfaċċa tal-ipprogrammar u li tiġi żviluppata lista ta' tags diġitali u metadata li għandhom jiġi implementati flimkien ma' dawk digħi meħtieġa mir-Regolament propost. Għal dan il-għan, il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (l-ASE, jiġifieri l-ESMA, l-EBA u l-EIOPA) se jkun responsabbi mill-iżvilupp ta' abbozzi ta' standards tekniċi. Fid-dawl tar-rwol ċentrali tal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rapportar Finanzjarju (EFRAG) fl-żvilupp tal-istandardi tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà, dan għandu jkun involut fl-ġħażla u fl-żvilupp ta' dawn il-karatteristiċi l-ġodda, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni tar-rekwiżiti għall-formati tal-aċċessibbiltà għall-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà u l-ġħażla ta' tags li jinqraw mill-magni fir-rapporti ta' ġestjoni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea qed tikkunsidra tapplika tariffi għall-utenti meta l-użu tad-data fuq l-ESAP jaqbeż ċertu volum u frekwenza. Ir-rapporteur jipproponi li dawn it-tariffi japplikaw ukoll meta d-data disponibbli tintuża (mill-ġdid) għal finijiet kummerċjali. L-aċċess bla ħlas għall-informazzjoni għandu japplika fil-każijiet l-oħra kollha. F'dan ir-rigward,

I-ESMA għandha tippubblika l-livelli limitu tal-volum tad-data u tal-frekwenza tad-downloading li meta jinqabżu jaapplikaw it-tariffi. Għandha tkun tista' wkoll tidentifika l-utenti li jkunu involvew volum kbir ta' informazzjoni jew li jkunu aġġornaw l-informazzjoni spiss, jew li biħsiebhom jużaw id-data mill-ġdid għal finijiet kummerċjali. Dikjarazzjoni individwali u diġitali tidher li hija mod adegwat li bih dawk l-utenti jkunu jistgħu jiġu identifikati b'mod affidabbli.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbi, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU)<sup>15</sup>, il-Kummissjoni pproponiet li ttejjeb l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja tal-entitajiet billi tibni Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP). L-Istrateġija għall-Finanzi Diġitali tal-Kummissjoni<sup>16</sup> stabbiliet linji ġenerali dwar kif l-Ewropa tista' tappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tal-finanzi fis-snin li ġejjin, u b'mod partikolari, biex tippromwovi finanzi xprunati mid-data. Fl-Istrateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli<sup>17</sup>, il-Kummissjoni poġġiet il-finanzi sostenibbli fil-qalba tas-sistema finanzjarja bħala mezz ewljeni sabiex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija tal-UE, bħala parti mill-Patt Ekoloġiku<sup>18</sup>.

##### *Emenda*

(1) Fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU)<sup>15</sup>, il-Kummissjoni pproponiet li ttejjeb l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja tal-entitajiet, **kif meħtieġ mil-leġiżlazzjoni eżistenti**, billi tibni Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP). L-Istrateġija għall-Finanzi Diġitali tal-Kummissjoni<sup>16</sup> stabbiliet linji ġenerali dwar kif l-Ewropa tista' tappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tal-finanzi fis-snin li ġejjin, u b'mod partikolari, biex tipromwovi finanzi xprunati mid-data. Fl-Istrateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli<sup>17</sup>, il-Kummissjoni poġġiet il-finanzi sostenibbli fil-qalba tas-sistema finanzjarja bħala mezz ewljeni sabiex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija tal-UE, bħala parti mill-Patt Ekoloġiku<sup>18</sup>.

---

<sup>15</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji - pjan ta' azzjoni ġdid, 24.9.2020, COM/2020/590

---

<sup>15</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji - pjan ta' azzjoni ġdid, 24.9.2020, COM/2020/590

*finali.*

<sup>16</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għall-Finanzi Diġitali għall-UE, 24.09.2020, COM/2020/591 *finali*.

<sup>17</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, 06.07.2021, COM(2021) 390 *finali*.

<sup>18</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, 11.12.2019, COM/2019/640 *finali*.

*finali.*

<sup>16</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għall-Finanzi Diġitali għall-UE, 24.09.2020, COM/2020/591 *finali*.

<sup>17</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, 06.07.2021, COM(2021)390 *finali*.

<sup>18</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, 11.12.2019, COM/2019/640 *finali*.

## Emenda 2

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) L-ESAP għandu jiġi stabbilit f'konformità mar-Regolament (UE) XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament dwar l-ESAP]<sup>19</sup> sabiex ikun jista' jsir aċċess faċli għad-data għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-ekonomija u fis-soċjetà sabiex jieħdu deċiżjonijiet sodi li jservu l-funzjonament effiċjenti tas-suq. L-introduzzjoni ta' spazji komuni Ewropej tad-data f'setturi kruċjali, *inkluż* is-settur finanzjarju, isservi dak l-għan. Id-dinja finanzjarja hija mistennija li tħaddi minn trasformazzjoni diġitali fis-snin li ġejjin, u dan jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġgah, b'mod partikolari billi tippromwovi finanzi xprunati mid-data. Barra minn hekk, it-tqegħid tal-finanzi sostenibbli fil-qalba tas-sistema finanzjarja

##### *Emenda*

(2) L-ESAP għandu jiġi stabbilit f'konformità mar-Regolament (UE) XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament dwar l-ESAP]<sup>19</sup> sabiex ikun jista' jsir aċċess faċli għad-data għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-ekonomija u fis-soċjetà sabiex jieħdu deċiżjonijiet sodi li jservu l-funzjonament effiċjenti tas-suq. L-introduzzjoni ta' spazji komuni Ewropej tad-data f'setturi kruċjali, *speċjalment* is-settur finanzjarju, isservi dak l-għan. Id-dinja finanzjarja hija mistennija li tħaddi minn trasformazzjoni diġitali fis-snin li ġejjin, u dan jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġgah, b'mod partikolari billi tippromwovi finanzi xprunati mid-data. Barra minn hekk, it-tqegħid tal-finanzi sostenibbli fil-qalba tas-sistema finanzjarja

huwa mezz ewlieni sabiex tinkiseb tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija tal-Unjoni. Sabiex it-tranżizzjoni ekoloġika tirnexxi permezz ta' finanzi sostenibbli, huwa essenzjali li l-informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà tan-negozi tkun faċilment aċċessibbli għall-investituri, sabiex ikunu informati aħjar meta jieħdu deċiżjonijiet dwar l-investimenti. Għal dawk il-finijiet, jenħtieġ li jittejjeb l-aċċess pubbliku għal informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja dwar persuni fiżiċi jew ġuridiċi meħtieġa li jippubblikaw informazzjoni, jew li jissottomettu informazzjoni finanzjarja u relatata mas-sostenibbiltà tal-attivitajiet ekonomiċi tagħhom lil korp tal-ġbir fuq bażi volontarja ("entitajiet"). Mezz effiċjenti biex dan isir fil-livell tal-Unjoni huwa li tiġi stabbilita pjattaforma ċentralizzata, l-ESAP, li tagħti aċċess elettroniku għall-informazzjoni rilevanti kollha.

huwa mezz ewlieni sabiex tinkiseb tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija tal-Unjoni, ***filwaqt li jiġi żgurat li ħadd jew l-ebda post ma jitħalla jibqa' lura***. Sabiex it-tranżizzjoni ekoloġika tirnexxi permezz ta' finanzi sostenibbli, huwa essenzjali li l-informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà tan-negozi tkun faċilment aċċessibbli għall-investituri, sabiex ikunu informati aħjar meta jieħdu deċiżjonijiet dwar l-investimenti. Għal dawk il-finijiet, jenħtieġ li jittejjeb l-aċċess pubbliku għal informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja dwar persuni fiżiċi jew ġuridiċi meħtieġa li jippubblikaw informazzjoni, jew li ***jixtiequ*** jissottomettu informazzjoni finanzjarja u ***jew*** relatata mas-sostenibbiltà tal-attivitajiet ekonomiċi tagħhom lil korp tal-ġbir fuq bażi volontarja ("entitajiet"). Mezz effiċjenti biex dan isir fil-livell tal-Unjoni huwa li tiġi stabbilita pjattaforma ċentralizzata, l-ESAP, li tagħti aċċess elettroniku għall-informazzjoni rilevanti kollha ***li għandha tkun magħmula disponibbli skont id-dritt tal-Unjoni***.

---

<sup>19</sup> [OP: Jekk jogħġgbok daħħal in-nota f'qiegħ il-paġna korrispondenti: ***Titolu*** sħiħ u referenza tal-ĠU].

<sup>19</sup> [OP: Jekk jogħġgbok daħħal in-nota f'qiegħ il-paġna korrispondenti: ***titolu*** sħiħ u referenza tal-ĠU].

### Emenda 3 Proposta għal direttiva Premessa 7a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(7a) Id-Direttiva (UE) .../... [Direttiva li tinsab fid-dokument 2021/0104(COD)] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\* dwar ir-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà estendiet ir-rekwiżit li tiġi ddivulgata informazzjoni dwar kwistjonijiet ambjentali, soċjali u ta' governanza għall-impriżi l-kbar kollha u, sa ċertu punt, għall-impriżi kollha li titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat fl-Unjoni, ħlief l-**

*impriżi mikro. L-istess rekwiżiti jkopru wkoll impriżi ta' pajjiżi terzi li għandhom attivită sinifikanti fit-territorju tal-Unjoni u li għandhom sussidjarja jew fergħa fl-Unjoni, sabiex jiġu żgurati responsabbiltà tal-impriżi fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq in-nies u l-ambjent u kundizzjonijiet ekwi għall-impriżi li joperaw fl-Unjoni. Id-Direttiva (UE) .../... [Direttiva li tinsab fid-dokument 2021/0104(COD)] iċċarat il-kategoriji ta' informazzjoni meħtieġa, introduċiet standards ta' rapportar, inkluża l-leġġibbiltà tal-informazzjoni mill-magni għall-impriżi bbażati fl-Unjoni, u dawk ir-rekwiżiti issa jenħtieġ li jiġu allinjati mar-rapporti finanzjarji wkoll. Biex jiġu żgurati l-konsistenza u kundizzjonijiet ekwi mar-rekwiżiti applikabbli għall-impriżi tal-Unjoni, jenħtieġ li rekwiżiti simili jaapplikaw għall-impriżi ta' pajjiżi terzi li jkollhom attivită sinifikanti fit-territorju tal-Unjoni.*

---

*\* Id-Direttiva .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li temenda d-Direttiva 2013/34/UE, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u r-Regolament (UE) Nru 537/201 fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠUL [...], [...], p. [...]).*

#### Emenda 4

##### Proposta għal direktiva

Artikolu 9 – paragrafu -1a (ġidid)

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 29d (ġidid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Jiddaħħal l-Artikolu 29d li ġej:*

*"Artikolu 29d*

*Format elettroniku uniku għar-rapportar*

1. *L-impriżzi soġġetti għar-rekwiżiti tal-Artikolu 19a ta' din id-Direttiva għandhom iħejju r-rapporti finanzjarji u r-rapport ta' ġestjoni tagħhom fil-format elettroniku għar-rapportar imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/815\* u għandhom jimmarkaw ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà tagħhom, inklużi dividulgazzjonijiet previsti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/852, f'konformità mal-format elettroniku għar-rapportar imsemmi f'dak ir-Regolament Delegat.*
  2. *L-impriżzi omm soġġetti għar-rekwiżiti tal-Artikolu 29a għandhom iħejju r-rapporti finanzjarji kkonsolidati u r-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat tagħhom fil-format elettroniku għar-rapportar speċifikat fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/815 u għandhom jimmarkaw ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà tagħhom, inklużi dividulgazzjonijiet previsti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/852, f'konformità mal-format elettroniku għar-rapportar imsemmi f'dak ir-Regolament Delegat.*
- 

*\* Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/815 tas-17 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill firrigward tal-istands tekniċi regolatorji dwar l-ispeċifikazzjoni tal-format elettroniku uniku għar-rapportar (ĠUL 143, 29.5.2019, p. 1)."*

## **Emenda 5**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 9 – paragrafu 1**

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 33a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Mill-1 ta' Jannar 2025, l-Istati

*Emenda*

1. Mill-1 ta' Jannar 2025, l-Istati

Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw ir-rapporti finanzjarji annwali, ***ir-rapport*** ta' ġestjoni, ir-rapporti finanzjarji ***konsolidati***, ir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat, ir-rapport tal-awditjar u r-rapport dwar il-pagamenti lill-gvernijiet approvati kif xieraq skont l-Artikolu 30 u l-Artikolu 42 ta' din id-Direttiva, l-impriżi msemmija fl-Artikolu 19a ***u fl-Artikolu 29a*** jissottomettu dawk ir-rapporti finanzjarji annwali, ir-rapport ta' ġestjoni, ir-rapporti finanzjarji kkonsolidati, ir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat, ir-rapport tal-awditjar u r-rapport dwar il-pagamenti lill-gvernijiet approvati kif xieraq lill-korp tal-ġbir imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu sabiex dik l-informazzjoni ssir aċċessibbli fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament ***tal-ESAP***] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*.

Membri għandhom jiżguraw li, meta jippubblikaw ir-rapporti finanzjarji annwali, ***ir-rapporti*** ta' ġestjoni ***u dwar is-sostenibbiltà***, ir-rapporti finanzjarji ***kkonsolidati***, ir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat, ir-rapport tal-awditjar u r-rapport dwar il-pagamenti lill-gvernijiet approvati kif xieraq skont l-Artikolu 30, ***l-Artikolu 40a*** u l-Artikolu 42 ta' din id-Direttiva, l-impriżi msemmija fl-Artikolu 19a, ***fl-Artikolu 29a u, mill-2028, fl-Artikolu 40a*** jissottomettu dawk ir-rapporti finanzjarji annwali, ir-rapport ta' ġestjoni, ir-rapporti finanzjarji kkonsolidati, ir-rapport ta' ġestjoni kkonsolidat, ir-rapport tal-awditjar u r-rapport dwar il-pagamenti lill-gvernijiet approvati kif xieraq lill-korp tal-ġbir imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu sabiex dik l-informazzjoni ssir aċċessibbli fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament ***dwar l-ESAP***] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*.

---

\* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdha aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], [...], p. [...]).

---

\* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdha aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], [...], p. [...]).

## Emenda 6

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 9 – paragrafu 1

Direttiva 2013/34/UE  
Artikolu 33a – paragrafu 1 – subparagraphu 2 – punt b – punt i

#### Test propost mill-Kummissjoni

- (i) l-ismijiet kollha tal-impriża li magħha hija relatata l-informazzjoni;

#### Emenda

- (i) l-ismijiet kollha tal-impriża li magħha hija relatata l-informazzjoni, ***inkluż, meta jkun applikabbi, l-isem tas-sussidjarji identifikati skont il-***

*paragrafu 4, tal-Artikolu 29a;*

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 9 – paragrafu 1**

Direttiva 2013/34/UE

Artikolu 33a – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b – punt ii

*Test propost mill-Kummissjoni*

(ii) l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-impriża, kif spċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

*Emenda*

(ii) l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-impriża, ***u meta jkun applikabbi fil-każ ta' impija omm, l-identifikatur ta' entità ġuridika tas-sussidjarji tagħha***, kif spċifikat skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP];

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Emenda ta' ċerti Direttivi fir-rigward tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-punt ta' aċċess uniku Ewropew	
<b>Referenzi</b>	COM(2021)0724 – C9-0437/2021 – 2021/0379(COD)	
<b>Kumitat responsabbi</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 14.2.2022	
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 14.2.2022	
<b>Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	7.7.2022	
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Pascal Durand 28.2.2022	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	13.7.2022	3.10.2022
<b>Data tal-adozzjoni</b>	29.11.2022	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	18 0 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pascal Arimont, Ilana Cicurel, Pascal Durand, Virginie Joron, Gilles Lebreton, Karen Melchior, Sabrina Pignedoli, Jiří Pospíšil, Adrián Vázquez Lázara, Marion Walsmann, Tiemo Wölken, Javier Zarzalejos	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alessandra Basso, Patrick Breyer, Angelika Niebler, Emil Radev, Nacho Sánchez Amor	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	João Albuquerque, Michael Gahler, Claude Gruffat	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>18</b>	<b>+</b>
ID	Alessandra Basso
NI	Sabrina Pignedoli
PPE	Pascal Arimont, Michael Gahler, Angelika Niebler, Jiří Pospíšil, Emil Radev, Marion Walsmann, Javier Zarzalejos
RENEW	Ilana Cicurel, Pascal Durand, Karen Melchior, Adrián Vázquez Lázara
S&D	João Albuquerque, Nacho Sánchez Amor, Tiemo Wölken
VERTS/ALE	Patrick Breyer, Claude Gruffat

<b>0</b>	<b>-</b>

<b>2</b>	<b>0</b>
ID	Virginie Joron, Gilles Lebreton

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni